Kunsill Local Gzira

# Rapport Amministrattiv Sena 2021

283/1 D'Argens Street, Gzira GZR 1364 – Malta Tel: (+356) 2134 1034 Fax: (+356) 2134 1616
E-mail : gzira.lc@gov.mt Website: www.gzira.gov.mt

# Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| **1.0** | **Kunsill Lokali Gzira** | 3 |
| 1.1 | Il-Kunsill | 3 |
| 1.2 | Il-Membri tal-Kunsill | 3 |
| 1.3 | Dekasteri - Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera | 3 |
| 1.4 | Partecipazzjoni fil-laqgħat tal-kunsill | 4 |
| 1.5 | Il-Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| 1.6 | Servizzi għal-Komunita | 5 |
| **2.0** | **Progetti Lokali** | 6 |
| 2.1 | Rinnovazzjoni tal-Public Convenienvce | 6 |
| 2.2 | Kameras fit-Toroq | 6 |
| 2.3 | Progett Pjazza Meme Scicluna | 6 |
| 2.4 | Progett Manoel De Vilhena | 6 |
| 2.5 | Fondi għal Progetti Ġodda | 6 |
| 2.5.1 | Small Grand Scheme – Nowegian Funds | 6 |
| 2.5.2 | Progett Bellus | 7 |
| **3.0** | **Progetti ta' l-Unjoni Europea** | 7 |
| 3.1 | Just Nature | 7 |
| 3.2 | Varcities | 7 |
| 3.3 | Go Green Routes | 8 |
| **4.0** | **Attivitajiet** | 8 |
| 4.1 | 5A Side Tournament fi Sqallija | 8 |
| 4.2 | Konferenza - BCCS | 8 |
| 4.3 | Wirja mil-Għaqda ta' l-Għomja – Visual Non Visual Network | 9 |
| 4.4 | Ġemellagg Gzira/Enna | 9 |
| 4.5 | President Fun Run | 9 |
| **5.0** | **Xogħolijiet oħra tal-Kunsill** | 10 |
| 5.1 | Kotba għal Iskola Primarja Santa Klara | 10 |
| 5.2 | Pigeon Culling | 10 |
| 5.3 | Talba għal-Community Police | 10 |
| 5.4 | Ħinijiet tal-gbir ta' l-Iskart | 10 |
| 5.5 | Uniformijiet Ġodda | 10 |
| 5.6 | Road Closures – Security Guards | 10 |
| 5.7 | One-Way Ponsomby/Stuart | 10 |
| **6.0** | **Finanzi** | 11 |
| **ċ** | **Konkluzjoni** | 11 |

## 1. Kunsill Lokali Gzira

*1.1 Il-Kunsill*

Il-Kunsill Lokali tal-Gzira, lokalita b'popolazzjoni ta' madwar **12,680** huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L- Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mil-Agent Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' żewassistent principali u tliet impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jagħmel użu mil-iskema tal- CWSEF. Minn din l-iskema il-kunsill ingħata il-facilita li jħaddem tliet persuni fuq xogħlijiet ta' barra mil-ufficju, fosthom il-manutenzjoni tal-Ġnien Kunsill ta' l-Europa.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mit-18 ta' Ġunju, 2019. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

*1.2 Il-Membri tal-Kunsill*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Conrad Borg Manché | Sindku |
| Is-Sur Ralph Mangion | Viċi Sindku |
| Is-Sur Neville Chetcuti | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Calleja Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jeremy Cardona | Kunsillier |
| Is-Sur Shaun Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Hugh Caruana | Kunsillier |
| Is-Sinjura Jessica Borg | Kunsillier |

*1.3 Dekasteri – Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera*

**Conrad Borg Manché – Sindku**

*Innovazzjoni, Proġetti, Anzjani, Ħarsien t'Annimali u Infrastruttura*

**Ralph Mangion – Viċi Sindku**
*Ambjent*

**Neville Chetcuti – Kunsillier**
*Indafa fil-lokalita*

**Ian Buhagiar – Kunsillier**

*Sport*

**Alexander Calleja Zammit – Kunsillier**
*Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali*

**Jeremy Cardona– Kunsillier**
*Edukazzjoni*

**Shaun Farrugia – Kunsillier**
*Zgħazagħ*

**Hugh Caruana – Kunsillier**

*Komunitajiet*

**Jessica Borg – Kunsillier**
*Kultura*

*1.4 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.*

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2021 inżammu 15-il laqgħa li tnejn minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

**Tabella Attendenza tal-Kunsilliera**

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2021 minn Jannar sa Ġunju

| **Kunsillieri** | **Laqgħat** | **Preżenti** | **Skuzat/a** | **Assenti** | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Is-Sindku Conrad Borg Manché | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Ralph Mangion | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Neville Chetcuti | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Ian Buhagiar | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Alexander Calleja Zammit | 9 | 7 | 2 | 0 | 78% |
| Il-Kunsillier Jeremy Cardona | 9 | 7 | 2 | 0 | 78% |
| Il-Kunsillier Shaun Farrugia | 9 | 8 | 1 | 0 | 89% |
| Il-Kunsillier Hugh Cariana | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Jessica Borg | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2021 minn Lulju sa Diċembru

| **Kunsillieri** | **Laqgħat** | **Preżenti** | **Skuzat/a** | **Assenti** | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Is-Sindku Conrad Borg Manché | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Ralph Mangion | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Neville Chetcuti | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Ian Buhagiar | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Alexander Calleja Zammit | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Jeremy Cardona | 6 | 4 | 2 | 0 | 67% |
| Il-Kunsillier Shaun Farrugia | 6 | 4 | 1 | 1 | 67% |
| Il-Kunsillier Hugh Caruana | 6 | 4 | 2 | 0 | 67% |
| Il-Kunsillier Jessica Borg | 6 | 3 | 3 | 0 | 50% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

*1.5 Il-Ħidma tal-Kunsill*

Matul is-sena kalendarja 2021 saru **15-il laqgħa** tal-Kunsill, li jinkludu **żewgt'** laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il- laqgħat ma ġew imressqa l-ebda mozzjoni.

**Intbagħtu mat-14,732 ittra u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal- 7048 permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

*1.6 Servizzi għal-Komunita*

Manutenzjoni tat-Toroq
*Servizz provdut mis-Sur Charles Spagnol*

Ġbir ta' skart imħallat, organiku u riciklabli
*Servizz provdut mil-kunpanija SRF & Veladrains Ltd*

Ġbir ta' skart goff -Bulky Refuse
*Servizz provdut mis-Sur Emanuel Mifsud*

Tindif tat-Toroq
*Servizz provdut mil-kunpanija SRF & Veladrains Ltd*

Manutenzjoni tad-dwal fit-Toroq
*Servizz provdut mil-kunpanija JF Mallia Ltd*

Tgħalim ta' Crafts
*Servizz provdut mis-Sinjura Alexandra Galea*

Tgħalim ta' Arti għat-Tfal
*Servizz provdut mis-Sinjura Vivienne Scicluna*

Korsijiet Varji
*Servizz provdut mil-NGO Happy Parenting*

Librerija Pubblika
*Servizz provdut mis-Sinjura Natalie Camilleri*

Manutenzjoni ta' Computers u Laptops ghar-residenti
*Servizz provdut mil-kunpanija Notebook Centre*

Tindif tal-Ufficju tal-Kunsill
*Servizz provdut mis-Sinjura Mary Bonnet Għaldaqstant wara*

## 2. Progetti Lokali

*2.1 Rinnovazzjoni tal-Public Convenienvce*

Il-Kunsill kien qiegħed isib diffikultajiet kbar bil-Public Conveniencce, dan il-għaliex kien qedin jinstab vandalizmu kontinwu w abbuzz serju mil-letrina. Għaldaqstant wara diskussjonijiet varji l-kunsill iddecieda jaghmel rinnovazzjoni kompluta tal-Public conveniene u jqabbad attendent sabiex iwaqqaf kompletament dan l-abbuz. Sabiex l-ispejjez tal-attend jinzammu baxxi, il-kunsill iddecieda li jaghmel bieb wieħed principali flok tnejn kif kien hemm fil-prezent. Saret talba għal DNO sabiex dan it-tibdil ikun konferma mal-ligi. Il-Kunsill stema li dan il-progett ser jiswa madwar 36 elf euro (€36,000) u ser jitlesta fis-sena 2022.

*2.2 Kameras fit-Toroq*

Matul din is-sena inbeda il-proġett tal-kameras tat-toroq. L-għan ta dawn il-kameras huwa li jitnaqqas l-abbuz f'certu toroq b'mod speċjali l-boroz ta l-iskart li jinħareg mhux skond ta l-iskeda. Il-progett beda b'sitt siti:

- Rue D'Argens (Kunsill Lokali),
- Triq tas-Sliema,
- Triq San Albert (Junction),
- Pjazza Meme Scicluna,
- Public Convenience
- St Clara College (l-iskola primarja) - Misrah Turu Colombo & Triq Il-Madonna Tal-Gebla

*2.3 Progett Pjazza Meme Scicluna*

Il-Kunsill iddecieda li jmexxi bil-pjan ta' rinovazzjoni ta' Pjazza Meme Scicluna, fejn ser jinħoloq iktar parkeġġ u jikkumplimenta ir-rinovar tal-Health Care Centre li jinsab fl-stess pjazza. Intefat l-applikazzjoni mal- Planning Authorityli tinkluzi r-rilikazzjoni ta' monument u sigar protett. Il-Kunsill qed jipprogetta li x-xogħolijiet jinbdew is-sena dieħla, 2022.

*2.4 Progett Manoel De Vilhena*

Il-Kunsill ta' d-direttiva sabiex jinbeda il-Progett ta Manoel De Vilhena. Dan il-progett jinkludi infrastruttura gdida tas-servizzi, kif ukoll pavimentarg ġdid ta parti minn Triq Manoel De vilhena u parti minn Triq Carlo Manché. Ix-xogħlijiet tal-infrastruttura ser isir minn Infrastructure Malta u il-xogħlijiet t'a' pavimenter ser isir mil-Public Works Department.

*2.5 Fondi għal Progetti Ġodda*

*2.5.1 <u>Small Grand Scheme – Nowegian Funds</u>*

Din l-iskema ġiet mgħofrija mil-European Economic Area (EEA) u Norwegian Funds. L-iskop tal-iskema kien li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u d-diffikultajiet soċjoekonomiċi li jiltaqgħu magħhom il-lokalitajiet urbani. L-skema kellja il-ħsieb li tappoġġja proġetti li jilħqu r-riżultat tat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp lokali. Il-proġett kellu jkun implimentat kompletament fi żmien 12-il xahar mill iffirmar tal-kuntratt tal-għotja mal-operatur tal-fond Il-kunsill lokali kien eliġibbli għal għotja minima ta 'Euro 25,000 sa massimu ta; Euro 100,00 b'rata ta' kofinanzjament ta '15%

Il-proġett pilota tal Kunsill Lokali Gzira kien ta:

- Xiri ta '3D Printers li jippermettu lill-kunsill li jimmanifattura Green Walls ġewwa il-lokalità.
- Ix-xiri ta 'materjali meħtieġ sabiex jiġi manifatturat Green Wall fil-lokalità.
- Proġett Pilota li se jikkonsisti fil - manifattura u l - installazzjoni ta' Green Wall fl – lokalità

Fuq teknikalitajiet dawn il-fondi ma ingħatax, fejn il-kunsill ma kellux trid oħra ħlief li jwaqqaf dan il-progett.

*2.5.2* *<u>Progett Bellus</u>*

Il-Progett Bellus kien sejħa għal interess maħruga mil-ERA fuq bazi nazzjonali. Il-Kunsill Lokali Gzira wera interess u issieħeb ma l-Universita ta' Malta sabiex jissottometti il-proposta tiegħu. Dan il-progett kien jittratt l-amjent fil-lokalita kif ukoll studju tas-socjata fil-komunita tal-Ġzira. Il-Fond massimi kien ta' € 100,000, fejn il-fond kellu jingħata fi ħlasijiet parzjali minn qabel.

Mandanakollu, wara ix-xogħol kollu li sar kemm mil-amministtazzjoni tal-kunsill, kif ukoll dak ta l-universita, l-ERA irtirat din l-skema. B'hekk dan il-progett ġie imwaqqaf.

## 3. Progetti ta' l-Unjoni Europea

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ingħata l-fondi li ġejjin tal-Kummissjoni Ewropea Orizzont 2020 għar-riċerka u l-innovazzjoni:

*3.1 Just Nature*

Għalkemm il-bliet huma konsumaturi ewlenin tal-enerġija u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG), id-densità għolja tagħhom ta' attività soċjoekonomika u d-disinn tal-ambjent mibni joħolqu opportunitajiet għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-klima.

Il-proġett JUSTNature jindirizza erba' sfidi ewlenin:

- Inugwaljanzi u diskriminazzjoni fid-dħul u fil-ġid bħala mutur tad-disparitajiet spazjali urbani.
- Elementi urbani mxerrda u iżolati ta' valur għoli ta' bijodiversità.
- Affettwat b'mod differenti minn proċessi ta' trasformazzjoni urbana.
- L-impatti ambjentali u klimatiċi mhumiex imqassma b'mod ugwali.

Grant Agreement Nru 101003757. Il-Kunsill Lokali tal-Gżira huwa msieħeb f'dan il-proġett b'baġit allokat ta' €584000.00 maqsum kif ġej:

| | |
|---|---|
| Spejjeż tal-Persunal | € 220,400.00 |
| Spejjeż tal-Ivvjaġġar | € 15,000.00 |
| Tagħmir | € 90,000.00 |
| Oġġetti u Servizzi Oħra | € 141,800.00 |
| Spejjeż Indiretti | € 116,800.00 |

JUSTNature beda f'Settembru 2021 u għandu tul ta' 54 xahar.

*3.2 Varcities*

Il-viżjoni ta' VARCITIES hija li timplimenta ideat reali u viżjonarji u żżid il-valur billi tistabbilixxi mudelli sostenibbli biex tiżdied is-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini: tfal, żgħażagħ, età medja, u anzjani, li huma esposti għal kundizzjonijiet klimatiċi u sfidi varji. fl-Ewropa u madwarha. VARCITIES tistabbilixxi mira

ambizzjuża biex tavvanza l-innovazzjoni fuq skali urbani differenti billi tisfrutta bis-sħiħ is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura minn perspettiva diġitali, soċjali u kulturali. L-ispazji pubbliċi huma maħsuba bħala żoni ċċentrati fuq in-nies li jappoġġjaw il-kreattività, l-inklussività, is-saħħa u l-kuntentizza għaċ-ċittadini.

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira qed jappoġġa l-proġett EC Horizon 2020 VARCITIES (Grant Agreement Nru. 86905) permezz ta' ittra ta' impenn u appoġġ iffirmata mal-imsieħba lokali Università ta' Malta. F'dan il-proġett il-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-lokalità tal-Gżira huma benefiċjarji in natura, u m'għandhom l-ebda baġit allokat dirett mill-Kummissjoni Ewropea.

*3.3 Go Green Routes*

GoGreenRoutes huwa proġett ta' €10.5m iffinanzjat mill-UE li jiżra' ż-żerriegħa għal aktar konnessjoni man-natura madwar l-Ewropa, l-Amerika Latina u ċ-Ċina.

Il-konsorzju multidixxiplinarju tiegħu ta' 40 organizzazzjoni qed jgħaqqad approċċi parteċipattivi u x-xjenza taċ-ċittadini ma' analiżi tal-Big Data u innovazzjoni diġitali biex joħloq flimkien "Laboratorji tal-Benessri Urban" f'sitt "Bliet li Jikkoltivaw": Burgas (Bulgarija), Lahti (Finlandja), Limerick ( l-Irlanda), Tallinn (l-Estonja), Umeå (l-Isvezja) u Versailles (Franza).

Dawn l-ibliet pijunieri qed jimplimentaw "soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura" bħal kurituri ħodor, parks lineari, pocket parks u passaġġi kondiviżi biex itejbu s-saħħa fiżika u mentali tar-residenti urbani tagħhom. Billi jimmassimizzaw l-ispazju pubbliku disponibbli n-nies jistgħu jiċċaqilqu madwar il-belt b'mod aktar attiv, igawdu l-ħin liberu tagħhom u jinteraġixxu ma 'oħrajn, filwaqt li hemm ukoll lok għar-restawr ta' spazji ta' valur ekoloġiku.

Il-proġett se jiżviluppa sett ta' indikaturi ta' kwalità ambjentali u jiskambja t-tagħlimiet meħuda ma' grupp ta' Seed Cities (Munich, fil-Ġermanja, ir-Reġjun ta' Murcia, fi Spanja, u Gżira, f'Malta) u Cross-Pollination Network (Belt tal-Messiku). , fil-Messiku, Beijing, fiċ-Ċina, u Tbilisi, fil-Ġeorġja), li jirrappreżentaw opportunitajiet fuq skala kbira għall-implimentazzjoni ta 'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Grant Agreement Nru 869764. Il-Kunsill Lokali tal-Gżira huwa msieħeb f'dan il-proġett b'baġit allokat ta' €85793.75 maqsum kif ġej:

| | |
|---|---|
| Spejjeż tal-Persunal | € 53,485.00 |
| Spejjeż tal-Ivvjaġġar | €. 8,750.00 |
| Oġġetti u servizzi oħra | €. 6,400.00 |
| Spejjeż Indiretti | € 17,158.75 |

Go Green Routes bdew f'Settembru 2020 u għandu tul ta' xahar

## 4. Attivitajiet

*4.1* 5A Side Tournament fi Sqallija

Dan it-Tournament Internazzjoni ġie organizzat mil-UISPu appoġjat mil-NGO The Islands. It-Tournamet kellu l-għan li joħloq għarfien dwar il-ġlieda kontra il-vjolenza domestika fuq in-nisa. F'dan it-tournament kellhom jippartecipaw tmien timijiet, madankollu spiccaw sitta, tlieta Malti u tlieta Sqallin. It-tim li irraprezenta lil Kunsill tal-Gzira ġab rizultati tajbin, fejn spicca fit-tieni post. Il-Kunsilliera Neville Chetcuti u Ian Buhagiar ikkunpanjaw lit-tim fi sqallin flimkien ma l-Agent Segretarju Ezekuttiv. It-Tazza giet ipprezentata lil-Kunsill, nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021, bħala kommemorazzjoni.

*4.2 Konferenza - BCCS*

Il-Kunsill kien ġab fondi mil-Unjoni Europea sabiex jorganiżża konferenza fil-lokalita. Dan kien qabel il-covid u b'hekk il-konferenza kella tiġi posponuta b'sena. Għalkemm il-kunsill qad attendi u mexa ma

restrizzjonijiet imposti, il-konferanza saret bejn il- 19 u 23 ta' novembru 2021, ġewwa l-Waterfront Hotel. It-temi tal-konferenza kienu Biodiversity, Climate Change u l-stakeholders. Matul din il-konferenza attendew delegati mil-Italja, l-Grecja, Cipru, il-Polojna u il-Litwanja. L-speakers principali kienu il-Prof. Mario V balzan, il-Prof. Alfred Baldachino u u is-Sur Fabian Borg. Dan il-progett kien success, tant li l-Kunsill għandu il-pjan li jorganizza tnejn oħra fis-sena 2022.

4.3 Wirja mil-Għaqda ta' l-Għomja – Visual Non Visual Network

Waqt il-konferenza BCCS, l-NGO VNVN ingħatat pjattaforma sabiex jesibixxu l'iskultri u l'arti maghmula mil-għomja gewwa il-Waterfront Hotel fejn saret il-konferenza. Din l-esibizzjoi ġie miftiħa u inawgurata mis-Sur Maurise Mizzi. Din l-esibizzjoni ġiet iffinanzjzta kollha mil-Kunsill tal-Gzira

*4.4 Ġemellagg Gzira/Enna*

Il-Kunsill applika sabiex jingħata il-fondi mil-Unjoni Europea sabiex isir ġemellag bejn il-Manucipalita ta' Enna, Sqallija u il-Kunsill tal-Gzira. Waqt li d-delegazzjoni tal- Kunsill Lokali Gzira kienet fi Sqallija ghat-tournament, saret laqgħa mal-lokalita ta' Enna fejn ġie diskuss il-ġemellaġġ, similaritajiet fil-kultura u bini storiku u il-programm tal-ġemellagg innifsu, b'mod partikulari it-turizmu u il-lingwa. Hekk kif kien indikat mil-applikazzjoni għal-fondi, il-ġemellaġġ għandu jkun kollaborazzjoni kontinwa f'forma ta 'sħubija.

*4.5 President Fun Run*

Din is-sena b'differenza u minħabba r-restrizzjonijiet tal-covid, il-President Fun Run saret fil-lokalitajiet. Il-Fun Run ser tkun il-ħadd 14 ta' Novemberu, fejn minħabba il-miżuri tal-Covid ser tkun limitata għal mitt ruħ biss. Kull partecipant ta' donazzjoni ta € 10.
Ir-Rotta li ħadet il-Fun Run kienet:

| | |
|---|---|
| Bidu | Carlo Manche Street |
| Toroq matul ir-rotta | Pjazza Meme Scicluna<br>Lower St Albert Street<br>Bouverie Street<br>Fleet Street<br>Ponsomby Street<br>Cameron Street<br>Sir Patrick Stuart Street<br>Victory Street<br>Reid Street<br>Cameron Street<br>Manoel De Vilhena Street<br>Gzira Road<br>Stadium Street<br>Victory Street |
| Tmiem | Gzira Parish |

## 5. Xogħolijiet oħra tal-Kunsill

*5.1 Kotba għal Iskola Primarja Santa Klara*

Il-Kunsill gie mitlub sabiex jiffinanzja kotba tal-malti għal istudenti tal-primarja. Dan bil-għan li tissaħħa il-lingwa maltija fost l-istudenti barranin. Dan il-kotba ser jibqaw propjeta ta' l-iskola.

*5.2 Pigeon Culling*

Il-Kunsill huwa konxju tal-ħsara li l-ħammiem jikkaġuna fis-saħħa tal-bniedem, apparti il-ħmieġ li jikkaguna fit-toroq u fl-ispazzji pubbliċi. Il-Lokalita tal-Gzira għandha problema kbira bl-ammont ta' ħamiem li hawn fl-inħawi, għaldaqstant il-kunsill ġab il-permessi kollha meħtiġa għal Pigeon Culling. Minħabba problema ta' skorta tal-pulizija, il-pigeon culling din is-sena ma sartx, imma huwa fil-pjan li jsir is-sena d-dieħla. Il-pemess mil-awtoritajiet ingħata ghal-sena sħiħa.

*5.3 Talba għal-Community Police*

Il-Kunsill qed isib difficultajiet sabiex isib l-għajnuna meħtiega mil-entitajiet għal infurtar tal-liġi fil-lokalita. B'hekk il-kunsill talab għal preżenza tal-Community Police fil-komunita, fejn din l-inizjattiva ser tiġi fis-seħħ is-sena d-dieħla, 2022.

*5.4 Ħinijiet tal-gbir ta' l-Iskart*

Wara studju li sar u diskussjonijiet mill-kunsill, ġie deciż li l-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart jinbidel minn fil-għaxija, għal fil-għodu. Dan sabiex jitrazza l-abbuz ta' ħrug ta' boroz barra mil-iskeda. Il-Kunsill għamel kampanja fuq il-midja socjali sabiex jinfurma il-pubbliku b'dan it-tibdil. Tqassam ukoll fuljet f'kull dar fejn fiħ kien hemm l-iskeda il-ġdida, kif ukoll informazzjoni oħra relatata.

*5.5 Uniformijiet Ġodda*

L-Staff kollu ingħata uniformi ġdida, kemm dik tas-sajt kif ukoll tax-xitwa.

*5.6 Road Closures – Security Guards*

Il-Lesa minħabba nuqqas ta uffiċjali, kien qed ikollha waiting list ta tliet ġimgħat sabiex wiehed jibbukja warden għal għeluq tat-toroq. Dan kien qed jirrizulta f'ħafna kuntratturi jaħdmu bla permess. Sabiex isolvi din il-problema il-kunsill qabbad kumpanija tas-sigurta sabiex jagħtu dan is-servizz. Dan it-tibdil ta' risultat mil-ewwel, fejn il-kuntrattur beda jiġi moqdi u il-kunsill reġa ħa il-kontrol tal-egħluq tat-toroq mil-gdid.

5.7 One-Way Ponsomby/Stuart

Sabiex titnaqqas il-kongestjoni fit-toroq tal-lokalita, il-kunsill dawwar żewġt toroq one way. Triq Ponsomby ġiet one way il fuq u Triq Stuart ġiet one way l'isfel. Dan sar bil-permessi kollha neċċessarji minn naħa ta' Transport Malta

## 6. Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1.

Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2020 u 2021

| | Perċentwali | SENA | Żieda jew Tnaqqis | Perċentwali | SENA |
|---|---|---|---|---|---|
| | Total 2021 | 2021 | fuq is-sena ta' qabel | Total 2020 | 2020 |
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 90% | 842,323 | 74,678 | 91% | 767,645 |
| Minn Bye Laws | 9% | 80,644 | 5,854 | 9% | 74,790 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 1% | 8,500 | 4,148 | 1% | 4,352 |
| Ġenerali | - | - | -362 | 0% | 362 |
| **Total** | 100% | **931,467** | 84,318 | 100% | **847,149** |
| **Infiq** | | | | | |
| Emulmenti Personali | 19% | 179,084 | 55,319 | 14% | 123,765 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 53% | 494,631 | -5,847 | 55% | 500,478 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 28% | 264,114 | -13,574 | 31% | 277,688 |
| Dħul u Spejjeż oħra | - | - | -260 | 0% | 260 |
| **Total** | 100% | **937,829** | 35,638 | 100% | **902,191** |
| | | -6,362 | 48,680 | | -55,042 |

## 7. Konkluzjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l- ħidma ta' kulħadd.

Claire Goodlip
Agent Segretarju Eżekuttiv